# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 22**

**Citaz. numru 128/98 PC**

**Joseph Grech**

**vs**

**Domenico Savio maghruf bhala Savio Spiteri u ghal kull interess li jista' jkollha martu Theresa Spiteri.**

**Il-Qorti;**

**IS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fis-7 ta' Lulju 1998 ippronunzjat is-segwenti sentenza li biha laqghet it-talbiet attrici promossi quddiemha permezz tal-procedura sommarja kontemplata fl-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur ippremetta :-

Illi huwa jopera negozju ta' bejgh ta' xorb, sigaretti u affini;

U illi l-konvenut f'diversi okkazzjonijiet xtara konsenji ta' xorb u ghal dan ghada dovuta lill-attur is-somma ta' elf u sebgha u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm1,077.43) kif jirrizulta mill-kopja taz-zewg invoices Dokument "A" u "B".

U illi minkejja diversi promessi il-konvenuti baqghu inadempjenti;

U illi fil-fehma ta' l-attur dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'iqanqlu u ghalhekk din il-Qorti tista' tipprocedi ghas-sentenza fit-termini ta' l-artikolu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bid-dispensa tas-smiegh.

Ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :-

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smeigh fit-termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Previa d-dikjarazzjoni li l-konvenuti huma debituri fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' elf u sebgha u sebghin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm1,077.43) tikkundannahom sabiex ihallsu lill-attur din is-somma.

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu wkoll l-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez inkludi dawk ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fl-1 ta' April tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u ta' l-ittra ufficjali spedita f'April 1998.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament guramentata skond il-Ligi.

Rat ukoll id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess citazzjoni, nkluz l-affidavit esebit bhala Dokument "C" li gie wkoll mahluf mill-istess attur.

Rat ukoll in-notifika ta' din ic-citazzjoni lill-konvenuti skond ir-riferta relattiva li ggib id-data tat-18 ta' Gunju 1998.

Rat ukoll in-notifika ta' l-istess konvenuti bl-appuntament tas-smiegh ta' din il-kawza ghal-lum, liema riferta ggib id-data tat-3 ta' Lulju 1998.

Semghet lill-konvenut Domenico Savio Spiteri prezenti fl-awla jghid illi huwa ghandu eccezzjonijiet x'iqajjem ghat-talbiet ta' l-attur minghajr ma ta spjegazzjoni ta' x'kienu dawn l-eccezzjonijiet;

Billi l-istess konvenut ma gabx prova bil-gurament tieghu jew xort'ohra illi fil-fehma ta' l-Qorti kienet bizzejjed biex turi li ghandu eccezzjonijiet *prima facie* fil-ligi jew fil-fatt kontra l-mertu ta' din l-azzjoni jew xort'ohra ma gab ebda fatti jew punt ta' ligi li jistghu jitqiesu li kienu bizzejjed biex jaghtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jaghmel kontro-talba tieghu u dana kollu a tenur ta' l-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti;

Ghalhekk tiddeciedi din il-kawza u billi fil-fehma taghha jirrizulta illi t-talbiet attrici huma gustifikati, billi tilqa' l-istess talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenuti *in solidum* bejniethom debituri fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' elf u sebgha u sebghin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm1,077.43) u tikkundannahom ihallsu lill-attur din is-somma.

Tikkundanna wkoll lill-istess konvenuti sabiex ihallsu l-imghaxijiet fuq din l-istess somma mid-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fl-1 ta' April tal-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u ta' l-ittra ufficjali spedita f'April 1998, kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom."

## <u>IS-SENTENZA TAL-4 TA' FRAR 2000</u>

Din il-Qorti b'sentenza parzjali tal-4 ta' Frar 2000, wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet pertinenti in materja hekk finalment iddeliberat :-

"1) Li kieku ma kienx ghan-natura partikolari ta' l-eccezzjonijiet sollevati fir-rikors ta' l-appell kien ikun il-kaz li jigi applikat l-insenjament ta' din il-Qorti fil-kawza "Schembri - vs - Carbonaro" appena citat.

2) Kif hu risaput pero', hemm certi eccezzjonijiet li huma sollevabbli mill-konvenut anke fl-istadju ta' appell. Dan naturalment bla pregudizzju ghall-fatt li din ic-cirkostanza kellha tigi mehuda in konsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-kap ta' l-ispejjez. Fost dawn l-eccezzjonijiet hemm dik tal-preskrizzjoni u ta' l-illegittimita' tal-persuna.

Zewg eccezzjonijiet dawn perentorji tal-gudizzju. Is-subinciz 1 tal-artikolu 732 tal-Kap 12 jipprovdi:- "illi bla hsara dejjem ghad-disposizzjonijiet ta' dak il-Kodici dwar il-produzzjoni tal-provi, l-eccezzjonijiet perentorji jistghu jinghataw ukoll fil-Qorti fi grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-Qorti ta' l-ewwel grad". Jidher ghalhekk li certament l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni sollevata fir-rikors ta' l-appell, kellha tigi epurata u deciza minn din il-Qorti, kif ukoll kellu jigi determinat u deciz jekk il-konvenuti personalment, illum appellanti, kienux jew le il-legittimi kontradittturi ta' l-attur appellat. Din it-tieni eccezzjoni jehtieg li tigi investigata u decisa ghaliex hija rilevanti ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni."

**L-ITER PROCESSWALI IN SEDE APPELL**

Konsegwentement din il-Qorti ghaddiet biex tisma l-provi tal-kontendenti kif ukoll it-trattazzjoni fir-rigward tal-eccezzjonijiet li, kif inghad, gew sollevati mill-konvenuti appellanti in sede appell fir-rigward tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici u ta' l-illeggitamita' tal-persuna li kontra taghha ipproceda l-attur. Din il-Qorti allura rceviet ix-xhieda bl-affidavit li ssottomettew il-partijiet, semghet il-kontro-ezamijiet u hadet konjizzjoni tan-noti prezentati minnhom.

B'mod partikolari din il-Qorti taghmel riferenza ghan-nota tal-atturi li biha ezebew kopja legali ta' ittra ufficjali minnhom mibghuta lill-konvenut fil-11 ta' Mejju 1998, u lilu notifikata fil-15 ta' Mejju ta' l-istess sena. B'dik in-nota l-attur appellat jirrileva illi "kif jammetti l-istess konvenut fil-kontro-ezami tieghu, n-negozju tal-attur huwa wiehed ta' bejgh bl-ingrossa. Jigi osservat ghalhekk li ma tista' qatt tkun applikabbli l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili billi din tirrigwarda bejgh bl-imnut izda se mai kienet tkun applikabbli dik stabbilita fl-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili".

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Din il-Qorti tikkonsidra ghalhekk qabel xejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata f'dan l-istadju mill-appellanti. Il-preskrizzjoni eccepita hija dik ta' tmintax-il xahar a tenur tal-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili (l-Kap 16). Ghalkemm l-appellanti ma jidhirx li jindikaw liema hu s-sub inciz f'dan l-artikolu li kienu qed jinvokaw, il-Qorti tifhem it-trattazzjoni illi huma kienu qeghdin jistriehu fuq is-sub inciz (b) tal-istess artikolu li jipprovdi li azzjonijiet tal-kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti u hwejjeg ohra mobbli li nbieghu bl-imnut jaqghu in preskrizzjoni bl-gheluq ta' tminax-il xahar.

Issa l-provi juru sodisfacentement :-

(a) Illi l-attur hu grossista li jbiegh merkanzija bi kwantita' wholesale kif effettivament ghamel f'dan il-kaz. Dan jirrizulta wkoll minn invoices ezebiti minnu li jirreferu ghal zewg konsenji sostanzjali ta' xorb varju kjarament mibjugha biex jigu zmercjati fin-negozju gestit mill-appellant. Dan hu del resto ammess mill-istess appellant anke jekk hu jsostni illi l-merkanzija kienet giet akkwistata u konsenjata lil socjeta' li kienet tiggestixxi l-"Gourmet Bar & Restaurant", ix-Xlendi, u mhux lilu personalment.

(b) L-appellant infatti jsostni illi "jiena qatt m'ghamilt negozju f'ismi proprju jew xtrajt xorb minghand l-attur appellat ghalija personali u jiena dejjem kont nagixxi bhala direttur tal-kumpanija "Gourmet Company Limited ma' Joseph Grech u qatt f'ismi proprju". Dan bilfors ifisser illi anke da parti tal-appellanti kien hemm l-ammissjoni illi n-negozju mertu tal-azzjoni kien ta' natura purament kummercjali.

L-attur appellat isostni illi fid-dawl ta' dawn il-fatti l-eccezzjoni eccepita certament ma kienitx applikabbli u li kien se mai applikabbli s-sub inciz (f) tal-artikolu 2156 tal-istess Kap 16 li jipprovdi li azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditur iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra meta l-kreditu ma jkunx jaqa' skond dik il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni aqsar jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku kienu jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin. Id-distinzjoni bejn il-preskrizzjoni applikabbli fil-kaz ta' azzjonijiet rigward il-hlas ta'

bejgh bl-imnut u dik applikabbli fil-kaz ta' azzjonijiet rigward il-bejgh bl-ingrossa hi ormai ben stabbilita. Il-ligi nostrana kienet taghmel enfasi fuq in-natura tal-kompravendita u jekk din kienitx wahda bl-imnut jew bl-ingrossa. Kienet titlob ezami ta' transazzjoni kummercjali fiha nnifisha aktar milli mill-kwalita' aktar milli tal-professjoni tal-kontraenti u cioe' jekk dawn kienux jew le fin-negozju. Fil-kaz taht ezami pero' ma jistax ikun hemm wisq dubbju dwar in-natura tan-negozju li sar ghaliex kien car illi l-generu u l-kwantita' tal-merkanzija mibjugha mill-appellat kienu necessarjament jikkwalifikaw in-negozju bhala wiehed ta' bejgh bl-ingrossa.

Din il-Qorti rriteniet illi l-prezz reklamat mill-appellat ma kienx jirreferi ghall-bejgh bl-imnut "ma ben si per prezzo di merci destinati ad essere vendute o in natura o dopo essere stati poste in opera ossia adibite per la lavorazione di opera intrapresa per conto di terzi e tale credito sarebbe soggetto alla prescrizione quinquiennale stabbilta con l'articolo 1920 della citata ordinanza" (Illum artikolu 2156 tal-Kodici Civili) (Volum XXIII.i.909). Hu wkoll stabbilit fid-dottrina illi dak li kien jiddistingwi l-bejgh bl-ingrossa mill-bejgh bl-imnut kien il-fatt illi filwaqt li l-grossista principalment kien ibiegh lill-persuni li jinnegozjaw fil-merca mibjugha, l-imnutant principalment ibiegh lill-konsumatur fi kwantitajiet zghar skond il-htigijiet tieghu . Ghalhekk il-grossista "vende per lo piu' ……. a colore i quali commerciano della cosa comprata" mentri l-imnutant "vende per lo piu' ai compratori e in piccola quantita' misurata al bisogno di

costoro" (Volum XXXI.111.235). Dawn ir-riferenzi gurisprudenzjali kienu bizzejjed biex jillustraw l-inapplikabilita' tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni eccepita mill-appellanti.

Dan stabbilit ma kienx lecitu ghall-Qorti illi tindaga jew tistabbilixxi jekk kienitx applikabbli ghall-fatti taht ezami xi preskrizzjoni ohra "peress li din hija preskrizzjoni invokata mill-appellanti, l-Qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f'materja ta' preskrizzjoni ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza u del resto huwa konsentaneju ghar-raguni u ghall-ispirtu fondamentali fil-materja tal-preskrizzjoni illi dik ghandha tigi invokata mill-parti u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk hemmx xi preskrizzjoni li tista' tkun applikabbli peress li hija materja kollha ta' kurejenza ….. salv li jkunu jistghu jaghtu eccezzjoni ta' kwalunkwe preskrizzjoni ohra jekk jidhrilhom huma, si et quatenus u din tkun ammissibbli" (Volum XXXIII.i.481). L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata qed tigi ghalhekk respinta.

Din il-Qorti finalment jehtigilha tiddeciedi dwar l-eccezzjoni l-ohra ta' l-illeggitimita' tal-persuni tal-konvenuti appellanti qua kontradditturi tal-attur. Anke hawn din il-Qorti ma tarax li l-appellanti jistghu jsostnu eccezzjoni ta' din ix-xorta fuq il-provi li jirrizultaw mill-atti. Iz-zewg invoices li fuqhom l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu juru li l-merkanzija giet konsenjata fil-lokal Gourmet Xlendi. M'hemm l-ebda indikazzjoni li l-merkanzija giet konsenjata u accettatha minn xi socjeta' kif jallega l-

konvenut appellant. L-istess konvenut appellant iffirma wahda mill-invoices, l-ewwel wahda personalment u fl-ebda hin ma jidher li jindika illi kien qed jaghmel hekk ghan-nom ta' xi socjeta'. It-tieni invoice giet iffirmata, bhala l-persuna li rciviet il-merkanzija, minn certu Mark Aquilina li jirrizulta issa li kien impjegat tal-konvenut appellant. Il-prova dokumentarja allura kienet pienament tiggustifika lill-attur meta dan agixxa kontra l-konvenut personalment u din tkompli tigi msahha mill-affermazzjoni guramentata tal-istess attur illi sal-mument meta pprezenta c-citazzjoni, hu ma kienx konsapevoli tal-fatt illi l-konvenut kien qed jiggestixxi n-negozju fejn gie konsenjat fix-xoghol bl-isem ta' xi socjeta'. Il-qawwa tal-prova skritta kienet allura tirrikjedi prova ferm aktar solida biex jigi stabbilit il-kontra ta' dak li minnha jirrizulta. Certament ma kienx bizzejjed illi l-appellant jafferma dak li kien apparentament maghruf lilu biss u cioe' l-ezistenza tas-socjeta' qua gestitrici tan-negozju izda li ma kienx maghruf lil terzi fosthom lill-appellat.

Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi filwaqt illi fl-affidavit tieghu l-appellat jafferma illi "sa fejn naf jiena qabel is-sena 1998 qatt ma rcevejt xi ittra ufficjali jew protest gudizzjarju minghand l-attur appellat li kien beda dawn il-proceduri fin-1998", gie provat mill-atti li fil-15 ta' Mejju 1998 hu gie notifikat personalment b'ittra ufficjali lilu spedita mill-attur proprju biex tinterpellah ihallas l-ammont mertu ta' din il-kawza. Din il-kawza giet prezentata fil-15 ta' Gunju 1998 u fil-frattemp ma jirrizultax

illi l-konvenut appellant b'xi mod cahad ir-responsabbilita' personali tieghu ghal dak li kien gie mitlub ihallas. Jichad ghall-kuntrarju li hu qatt ircieva l-ittra ufficjali de quo. Tant ghall-kredibbilita' tieghu. Din il-Qorti ma tistax ghalhekk taccetta li hi sostnuta b'xi mod l-eccezzjoni ta' l-illeggitimita' tal-persuna u ghall-kuntrarju tasal ghall-konvinciment illi l-konvenut appellant personalment kien dahal fin-negozju mal-attur u kien personalment akkwista l-merkanzija mertu ta' din l-istanza. Ma hemmx ghalfejn jigi sotolinejat illi la d-dokumenti kienu jindikaw persuna bhala li kienet il-legittimu kontradittur tal-attur, kien jispetta l-persuna citata biex tipprova konklussivament l-estranejeta taghha ghan-negozju de quo. Konsegwentement il-Qorti qed tichad kemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif ukoll l-eccezzjoni tal-illeggitimita' tal-persuna sollevati f'din l-istanza. Konsidrati t-termini tas-sentenza in parte taghha tal-4 ta' Frar 2000 li ghaliha saret riferenza aktar 'il fuq, din il-Qorti ma jinhtigilhiex tinvesti l-mertu ghaliex dan jirrizulta ampjament provat mill-atti.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Dep/Reg

mg